MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' April, 2003

Talba Numru. 1782/2002

**Mathew Cassar**

**vs**

**Nicholas u Nathalie konjugi Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ Lulju 2002 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta’ tlett mija u hames liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm305.93) rapprezentanti danni kagunati fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAO 841 propjeta’ tal-attur stante incident awtomobilistiku li sehh unikament tort , bin-negligenza u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew min minnhom nhar s-6 ta’ Mejju 2002 gewwa Labour Avenue, Naxxar meta kienu, jew min minnhom kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAB 489 tal-ghamla

Leyland Tanker u habat gewwa l-vettura propjeta' tal-attur.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Gunju 2002 u bl-imghax mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew illi t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhoom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx tort tal-eccipjenti pero' b'tort tas-sewwieq tal-vettura IAO 841, u cioe' Mathew Cassar, u dank if ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur, ta' Euphrasia Cassar, ta' PS 586 Joseph Brincat, ta' Nathalie Briffa. Ta' Pierre Pantalleresco u ta' Nicholas Briffa. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fis-6 ta' Mejju 2002, f'Labour Avenue, Naxxar bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAO 841 misjuqa mill-attur Mathew Cassar u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAB 489 misjuqa mill-konvenut Nicholas Briffa.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni IAO 841, kien ghadu kemm hareg minn 21st September Avenue, Naxxar u dahal f'Labour Avenue. Huwa jghid li waqaf fil-kantuniera ta' 21st September Avenue u hares fiz-zewg nahat qabel ma' hareg. X'hin wasal quddiem il-branch tal-Bank of Valletta li tinsab f'Labour Avenue, huwa kellu jieqaf minhabba li t-traffiku kien stazzjonarju. Wara ftit sekondi t-traffiku rega' beda miexi u malli anki hu beda miexi, l-attur ra mill-mera  tal-genb, trukk misjuq mill-konvenut Nicholas Briffa gej minn warajh u qed jissikkah. L-attur daqq il-horn izda t-trukk baqa' jitkaxkar mal-genb

tal-vettura tal-attur sakemm waqaf ftit metri quddiemu. L-attur qal ukoll li quddiemu kien hemm vann tal-Melita Cable u li quddiem il-Bank ma kienx hemm vetturi pparkjati. In kontro-ezami l-attur xehed li “sakemm hrigt mill-Istop Sign u sehh l-impatt ghaddew biss ftit sekondi” izda mbaghad in ri-ezami l-istess xhud qal li “l-incident ma sehhx immedjatament malli jiena dort minn 21st September Avenue ghal Labour Avenue, jiena fil-fatt kelli cans niehu l-posizzjoni tieghi fit-triq wara l-vann tal-Melita Cable.” L-attur ikkonferma wkoll li kien hemm vetturi parkegjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, hlief ghall-ispazzju quddiem il-Bank of Valletta.

Illi l-konvenut Nicholas Briffa xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq it-trukk bin-numru tar-registrazzjoni KAB 489 f’Labour Avenue, Naxxar u kien tiela’ fid-direzzjoni tan-Naxxar. Huwa kien qed isuq biswit il-linja medjana tat-triq u tielaaa’ bil-mod hafna stante li kien hemm hafna traffiku. Waqt li kien qed jipprocedi b’dan il-mod, sema’ hoss u fl-istess hin hass daqqa man-naha ta’ quddiem tat-trukk tieghu fuq in-naha tax-xellug. Huwa waqaf u ra l-vettura tal-attur mahbuta mat-trukk tieghu. Il-konvenut ikkonferma li l-vettura tal-attur ma rrahiex qabel l-impatt. Il-konvenut jghid ukoll li l-vann tal-Melita Cable kien parkeggjat fl-ispazzju riservat quddiem il-Bank u li minhabba dan il-vann setghet tghaddi biss vettura wahda zghira fid-direzzjoni tal-Knisja. Il-konvenut isostni li l-kollizzjoni sehhet ghaliex l-attur issikka mat-trukk tieghu u li huwa kien tiela’ ghad-dritt u ma kisirx ghal fuq il-vettura tal-attur.. Huwa baqa’ dejjem fuq l-istess karreggjata u waqaf ghaliex sema’ l-horn u l-hoss tad-daqqa mar-rota tat-trukk.

Illi Pierre Pantalleresco, ix-xhud prodott mill-konvenut, xehed li huwa kien qed jistenna lill-konvenut quddiem il-Bank, f’Labour avenue stante li kienu qed jaghmlu xi xoghlijiet fil-lokalita’ in kwistjoni u ried jindakalu fejn kellu jmur. Dan ix-xhud ikkonferma li dak il-hin kien hemm hafna traffiku ghaddej bil-mod, vettura wara l-ohra. Dan ix-xhud isostni li malli t-trukk misjuq mill-konvenut wasal quddiem il-Bank, huwa ra l-vettura tal-attur hierga minn 21st September Avenue u din il-vettura minflok harget mal-

‘flow of traffic’ kisret mal-bankina u habtet mat-trukk misjuq mill-konvenut. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li fid-direzzjoni li kien qed jipprocedi l-konvenut karreggjata wahda biss kien hemm u li kien hemm vetturi parkeggjati fuq in-naha tax-xellug tieghu, fosthom vann tal-Melita Cable li kien parkeggjat quddiem il-Bank u telaq kwazi mal-habta.

Illi jinghad mill-ewwel li l-konvenuta Nathalie Briffa ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi mill-provi rrizulta ampjament li hija bl-ebda mod ma setghat ikkontribwit ghall-incident stante li ma kienetx qed takkompanja lil zewgha u trattandosi ta’’ azzjoni bazata fuq tort ma kienx hemm il-htiega li tigi citata bhala parti stante li n-natura tal-azzjoni attrici tirrikjedi li l-azzjoni tittiehed bis fil-konfront tal-persuna li bl-agir negligenti tieghu ikun ikkontribwixxa ghall-akkadut.

Illi fil-fehma tat-Tribunal iz-zewg sewwieqa nvoluti fl-incident li jifforma l-mertu tal-kawza huma t-tnejn responsabbli ghall-istess incident u fi grad ugwali.

Illi l-attur kien negligenti fis-sewqan tieghu stante li huwa hareg ghal fuq triq principali minghajr ma zamm ‘a proper lookout’ u dan peress li huwa minflok hareg mal-‘flow of traffic, huwa kiser ghal mal-bankina. Mix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz fil-fatt irrizulta li kien hemm vetturi parkeggjati maz-zewg nahat tat-triq. It-Tribunal ghandu konoxxenza tajba tal-lokalita’ in kwistjoni u jidhirlu li jekk kien hemm ringiela ta’ vetturi parkeggjati man-naha tax-xellug tal-konvenut dan illimita l-parrti karreggjabli tat-triq ghal vetturi telghin fid-direzzzjoni tal-Knisja fis-sens li kien hemm biss karreggjata wahda. L-attur, fil-mument li esplora t-triq qabel ma hareg ghall fuq Labour Avenue seta’, jew ahjar messu, ra it-trukk tiela’ u kkonstata li huwa ma setghax jghaddi biswit dan it-trukk. Huwa izda ghazel li ma johrogx mal-‘flow of traffic’ u b’hekk holoqq emergenza ghat-traffiku li kien qed jipprocedi regolarment f’Labour avenue lejn il-Knisja peress li ma kienx hemm spazju min fejn jghaddu zewg vetturi qed jipprocedu fl-istess direzzjoni.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-konvenut kien koll responsabbli ghall-incident u dan ghaliex huwa messu qagad aktar atent ghat-traffiku li kien hemm fit-triq. Huwa fil-fatt stqarr li ma rax il-vettura tal-attur qabel l-impatt. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bilfors kiser lejn il-vettura tal-attur u dan meta lemah lil Pierre Pantalleresco, u cioe' il-persuna li kellu jiltaqa' maghha, u l-post vojt quddiem il-Bank of Valletta fejn huwa seta' jieqaf biex itella' lil Pantalleresco.

Illi l-quantum tad-danni sofferti mill-attur bl-ebda mod m agie kontestat mill-konvenuti u mill-ircevuti esebiti a fol. 2 sa 5 jiidher li dawn id-danni kienu jammontaw ghal Lm305.93.  Il-konvenut Nicholas Briffa ghandu jaghmel tajjeb ghal nofs dan l-ammont, u cioe' ghas-somma ta' Lm152.96.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara lill-attur u lill-konvenut Nicholas Briffa ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-6 ta' Mejju 2002, f'Labour Avenue, Naxxar, , u filwaqt li jillibera lill-konvenuta Nathalie Briffa mill-osservanza tal-gudizzju,billi jikkundanna lill-konvenut Nicholas Briffa ihallas lill-attur l-ammont ta' mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm152.96), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-itttra ufficjali tal-14 ta' Gunju 2002, ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn l-attur u l-konvenut Nicholas Briffa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------